MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1078/2003

Kawza fil-lista: 3

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur u l-konvenuta huma mizzewgin u legalment separati u dan skond il-kuntratt ippubblikat minn Nutar Marco Burlo fit-18 ta’ Lulju 2002 li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. DS 1;

Premess illi miz-zwieg tal-attur mal-konvenuta twieled tifel li jismu D u li ghadu minuri, l-istess minuri twieled fit-

tmienja u ghoxrin jum (28) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997);

Premess illi l-klawsola 6 tal-precitat kuntratt ta’ separazzjoni tistipula illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tinsab f’ idejn il-konvenut, liema klawsola hija nulla stante li l-kunsens ta’ l-esponenti ghal din il-klawsola gie karpit b’ qerq;

Premess illi l-konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u l-obbligi taghha skond il-ligi, partikolarment klawsoli 6(11)(d), 6(v), 6(vi), 6(vii) u 12 tal-imsemmi kuntratt;

Premess illi l-attur skopra mit-tifel tieghu stess illi l-konvenuta qieghda tuza l-vjolenza fizika u morali fuq l-istess minuri u dan jinkludi swat u vjolenza permezz ta’ oggetti tal-injam biex tikkoregi lill-istess minuri;

Premess illi ricentement l-attur skopra illi l-konvenuta ilha tghix ma’ ragel iehor fid-dar fejn jghix il-minuri b’ tali mod li kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq imsemmi u l-obbligi imposta fuqha bil-ligi;

Premess illi mhux fl-interess ewlieni tal-minuri li jibqa’ taht il-kura u l-kustodja tal-konvenuta u dan stante li ricentement l-attur skopra illi l-konvenuta qed iggib ruhha b’ mod dannegganti ghall-izvilupp fiziku, morali u psikologiku tal-istess minuri u dan anke meta l-istess konvenuta esponiet lill-minuri ghal imgieba mhux xierqa u immorali ghall-minorenni;

Premess illi d-Digriet tal-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 18 ta’ Lulju 2002 dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri inghata wara dikjarazzjonijiet foloz jew minhabba li ma ntqalux xi cirkustanzi u dan ai termini tal-artiklu 488 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tghid il-konvenuta ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunsens tal-esponenti ghall-klawsola 6(1) gie karpit b' qerq u konsegwenzjalment tirrixxindi l-istess klawsola.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta kisret il-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmijin tal-kuntratt u l-obbligi taghha skond il-ligi.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jibqa' taht il-kura u l-kustodja lill-attur u dan fl-interess ewlieni ta' l-istess minuri ai termini tal-artiklu 61 tal-Kap. 16 u artiklu 488 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tirrevoka d-Digriet 780/2003 datat 18 ta' Gunju 2003 u tiffissa granet ghall-access tal-konvenuta lill-minuri D.

5. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedenti u tinnomina kuraturi biex jidhru fuq dan l-att minflok il-konvenuta jekk tkun assenti.

6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, takkorda lill-attur access ampju u liberu lill-minuri se mai t-talba ghall-kura u kustodja tal-minuri tigi michuda lilu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet fis-sens li opponiet ghat-talbiet attrici fuq bazi kemm legali kif ukoll fattwali, filwaqt li ma oggezzjonatx li ssir revizjoni tal-granet ta' l-access ta' l-attur;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fit-30 ta' April 2008 li biha nformaw lill-Qorti li huma kienu ttransigew fuq aspetti determinanti tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ffirmat bejn il-partijiet u ppubblikat minn Nutar Marco Burlo’ fit-18 ta’ Lulju 2002; kif ukoll li jinghata l-kura u kustodja tal-minuri D bin komuni tal-partijiet, jew fin-nuqqas, jigi akkordat access ampju u liberu ghall-istess tifel.

Illi permezz tan-nota precitata l-partijiet lahqu ftehim dwar il-kura u kustodja u l-access tal-minuri, kif ukoll, indirettament dwar il-validita’ tal-kuntratt minnhom iffirmat; fis-sens li, filwaqt li l-partijiet varjaw il-modalita’ ta’ l-access kif pattwita fil-kuntratt, ftehmu li “ghal bqija japplika il-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet fl-intier tieghu.”

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel [1] talba, u tat-tieni [2] talba, stante l-ftehim raggjunt bejn il-partijiet;

[2] tichad it-tielet [3]  u r-raba’ [4] talbiet;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames [5] talba;

[4] tiddeciedi dwar is-sitt [6] talba fis-sens kif ser jinghad:

“[a]  Illi l-attur ikollu access versu l-minuri D B kull nhar ta’ Sibt u kull nhar ta’ Hadd mill-10.30am sas-2pm b’ dan illi kull Hadd b’ mod alternattiv l-access jigi estiz sas-7pm.

[b]  Matul il-gimgha huwa jkollu access kull nhar ta’ Erbgha mill-4pm sal-Hamis meta ir-ragel jwassal lill-minuri l-iskola u fil-kaz li l-minuri jinzerta li ma jkollux skola dakinhar huwa jwasslu fl-10am id-dar tal-mara jew fil-hin jew post iehor li jigi miftiehem bejn il-partijiet.

[c]  Matul il-vakanzi tas-Sajf tal-minuri oltre l-access hawn imsemmi, flimkien ma’ dak stipulat fil-klawsola 6 v) tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet datat 18 ta’ Lulju

2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo, ir-ragel ikollu access ghal gurnata ohra min-12pm sas-7pm.

[d] Illi ghall-bqija jibqa' japplika il-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet fl-intier tieghu.

Tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------